**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 28/14(28_02_14).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Frar 2014, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fis-2.00 ta' waranofsinhar.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.
Is-Sur Ryan Debrincat - Viċi-Sindku.
Is-Sinjura Carmen Said - Kunsillier.

Is-Sur Paul Parnis - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sur Robert Mallia - Kunsillier daħal għal-laqgħa fl-3.45 ta' waranofsinhar.

Skużat kien hemm is-Sur Saviour Spiteri - Kunsillier.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-21 ta' Frar 2014.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2013.
5. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
6. Karnival fil-Munxar 2014.
7. Estimi Finanzjarji 2014.
8. Sejħiet għall-offerti: MXR/001/2013 sa MXR/008/2013.
9. Il-Laqgħa tal-Lokalità 2014.
10. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
11. Rapport tas-Sindku.
12. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
13. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
14. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 04/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabbiltà ta' Librerija Lokali'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 05/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal *Streaming* tal-Laqgħat *Online'.*

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 06/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ħaddiema tal-*IPSL*, *Ex-WSC* u tal-Iskemi tal-*ETC* fil-Kunsilli Lokali'.

2.04 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Kulleġġ t'Għawdex Primarja Sannat u Unit Speċjali għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni fit-12 ta' Marzu 2014, fis-Sala tal-Iskola.

2.05 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-French Boys' Choir li ser iżur Malta bejn l-10 u l-21 ta' Lulju 2014 u li jixtieq jagħmel *performance* fil-lokalità.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal stedina mingħand l-Onor. Josè Herrera għall-Konferenza tal-Aħbarijiet dwar ir-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali, fl-1 ta' Frar 2014 ġewwa Dar il-Mediterran għall-Konferenzi.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kummissjoni Familja tad-Djoċesi ta' Għawdex rigward iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premju 'Familja Qalb tad-Deheb', fil-15 ta' Frar 2014 u infurmaw li l-Kummissjoni qed tilqa' n-nominazzjonijiet.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Direttorat għal ekoGħawdex u Żvilupp Reġjonali, Ministeru għal Għawdex rigward 'EcoGozo project – Creating a pedestrian zone within Il-Munxar Church Square', fejn il-Kunsill ġie infurmat bl-aħħar *deadline* għal dan il-proġett.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal kopja tal-avviż dwar id-data tal-elezzjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi maħruġ fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa, 7 ta' Frar 2014.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Ministry for the Family and Social Solidarity – Elderly fejn qed titwassal *e-mail* mingħand l-Identity Management Office, Ministry for Home Affairs and National Security rigward il-KartAnzjan.

2.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-HandsOn Systems fejn ingħatat informazzjoni dwar din il-kumpanija u s-servizzi li toffri fir-rigward ta' *waste collection*.

2.12 Il-Kunsill irċieva mingħand is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun Għawdex, l-Aġenda tad-39 laqgħa u l-Minuti tat-38 laqgħa li saret fit-23 ta' Jannar 2014 ta' dan il-Kumitat sabiex tiġi mqassma kopja tagħha lill-Kunsilliera.

2.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Radju Marija fejn ingħatat informazzjoni dwar dan l-istazzjon tar-radju u dwar is-servizz ta' avviżi komunitarji li huma joffru. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex iwaħħal il-*poster* mehmuż biex ngħinu fil-promozzjoni tal-istazzjon u l-attivitajiet li jittellgħu.

2.14 Il-Kunsill irċieva stedina mingħand l-EU Project Coordinator, Local Government Association għal *HOMER Open Data conference and workshop* fil-11 ta' Marzu 2014, fil-Palace Hotel, Sliema.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-President, Assoċjazzjoni Nazzjonali tas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali u Reġjuni (ANSEK) rigward Memo 6/2014 – Rendikonti tal-ħidma tal-ħaddiema tal-IPSL, KSI u ETC.

2.16 Il-Kunsill irċieva Memo 07/2014 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Allegati Inġustizzji biex jitressqu quddiem il-*Grievances Unit'*.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Surmast tal-Iskola Primarja u *Special Unit* ta' Sannat. Il-Kunsill qed jiġi mitlub sabiex joffri flixkun ilma u tuffieħa lil 160 persuna għal waqt *Sports Day* li ser tittella' fl-20 ta' Marzu 2014, fil-*ground* ta' Sannat. Il-Kunsill jaqbel ma' din it-talba.

3.02 Il-Kunsill irċieva Memo 05/2014 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal *Streaming* tal-Laqgħat *Online'.* Din l-iskema ngħatat il-ħajja meta nħarġet l-ewwel sejħa ta' għajnuna (Memo 17/2013) fejn il-Kumitati Reġjonali u l-Kunsilli Lokali setgħu jibbenefikaw minn skema ta' għajnuna finanzjarja sa massimu ta' €2,300 sabiex jinxtara l-apparat u għall-ewwel sena ta' *streaming*. Għal dawk li se jkunu installaw l-i*streaming* tal-laqgħat *online* sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2014, din l-iskema se tgħin finanzjarjament għall-ispejjeż rikorrenti għas-servizz ta' *streaming* li hemm bżonn sabiex tkompli tiġi implimentata l-ewwel skema. Id-Dipartiment se jagħti għajnuna oħra taħt din l-iskema sabiex ikopri l-ammont kollu jew parti mill-i*streaming pay plan*. Ser jingħataw €1,000 fis-sena, għal tliet snin konsekuttivi. Il-Kunsill ser japplika.

3.03 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva rigward it-Twaqqif ta' Assoċjazzjonijiet lejn Anzjanità Maltija Aktar Attiva. Dawn l-Assoċjazzjonijiet se jitwaqqfu fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum tal-Anzjani, fid-Djar Residenzjali tal-Anzjani u fir-Residenza San Vincent de Paule. Huwa fakkar ukoll fl-Iskema t'Aċċessibilità A+ li qegħdin jorganizzaw bħala Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali.

3.04 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Grey Hounds Youth Athletic Club. Huma qed jorganizzaw il-Gozo Clean & Green in 2014. Dawn jikkonsistu f'*hikes* madwar il-kosta fejn jiġbru xi skart huma u jimxu. Qegħdin jitolbu trasport mill-Qala sal-Munxar u lura għal darbtejn. Dan jiswa €60 kull darba. Qegħdin jitolbu wkoll *garbage bags* u *gloves*. Kien hemm qbil dwar dan.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEUSAC rigward 'Skambji bejn gruppi ta' Żgħażagħ'. Il-MEUSAC qed iħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jimmassimizzaw il-potenzjal li joffri Erasmus+, li huwa l-programm il-ġdid ta' finanzjament tal-UE għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport. Erasmus+ fost l-oħrajn joffri oppurtunitajiet tajba għal proġetti mibnija fuq skambji bejn gruppi ta' żgħażagħ fejn il-benefiċjarji jkollhom bejn 17 u 30 sena.

3.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand iċ-*Chairman* tal-Vote16 Monitoring Committee rigward 'Ambaxxaturi minn barra l-lokalità'. Peress li kien hemm xi Kunsilli Lokali li ma sabux żgħażagħ mil-lokalità sabiex ikunu maħtura Ambaxxaturi Lokali, il-Kunsilli Lokali l-oħra qed jiġu mitluba li jekk ġew avviċinati minn xi żgħażagħ oħra li kienu interessati f'din il-kariga, jinfurmaw lill-individwu jekk huwiex lest li joffri s-servizz tiegħu bħala Ambaxxatur ġewwa lokalità oħra.

3.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward 'SMS Alerts u Imejl Privat'. Minħabba li f'ċertu ċirkostanzi ta' urġenza jista' jkun hemm problema ta' komunikazzjoni permezz tal-imejls, il-Kunsilliera u l-membri tal-Kumitat Amministrattiv ġew mitluba jagħtu l-approvazzjoni tagħhom lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jibgħat lil dan id-Dipartiment in-numri tal-mowbajls u l-imejl privat tagħhom.

3.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand sid ta' *block flats* fi Triq il-Puniċi, Ix-Xlendi. Dan qed jilmenta dwar erba' permessi PA0831/04; PA2618/07; PA2738/10 u PA3140/13. Huwa qed jilmenta dwar il-linja tal-bini ta' dan l-iżvilupp u dwar l-għoli peress li dawn ser ikunu differenti minn dak tal-binja tiegħu. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi rreferut lill-MEPA.

3.09 Il-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi irċieva ittra mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014 Memo 25/2013. Il-Kumitat ser jingħata s-somma ta' €1,500 sabiex isir Kalendarju ta' Attivitajiet – Ix-Xlendi.

3.10 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttur, Gvern Lokali rigward Skema dwar inizjattivi ta' attivitajiet 2013-2014 Memo 25/2013. Il-Kunsill ser jingħata s-somma ta' €1,500 sabiex isir Eku mill-Munxar…dari u llum – Ġimgħa għall-Familja.

3.11 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva rigward il-kompetizzjoni A+ Accessibility Award li ser tittella' flimkien mas-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali. L-għan tagħha hu li tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex jinvestu f'proġetti li jżidu l-aċċessibiltà għall-persuni b'diżabilità fil-belt jew ir-raħal fejn jgħixu. L-ewwel premju hu ta' €25,000, it-tieni ta' €15,000 u t-tielet ta' €8,000 li ser ikun jista' jintefaq liberament f'proġetti u/jew inizjattivi ta' prijorità għar-rebbiegħ. Dawk kollha li jieħdu sehem se jingħataw Ċertifikat ta' Parteċipazzjoni waqt li kull proġett jiġi promoss fuq il-midja lokali u l-*website* tas-Segretarjat.

3.12 Ir-Reġjun Għawdex informa lill-Kunsill li s-Sur Joseph Sultana ġie nominat mill-Kumitat Reġjonali għal Għawdex sabiex ikun parti minn delegazzjoni f'viżita uffiċjali ġewwa Emilia Romagna bejn is-16 u d-19 ta' Marzu 2014.
Kif ġie maqbul fil-laqgħa tar-Reġjun, l-ispejjeż t'akkomodazzjoni u t-titjira għandhom jiġu koperti mill-Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali huwa wkoll responsabbli mill-*booking*/xiri tat-titjira. Kien hemm qbil dwar dan.

**4.00 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2013.**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-*Financial Statements* għas-sena 2013. Dawn il-*Financial Statements* se jiġu vverifikati mill-Awdituri Spiteri Bailey & Co. Għal din is-sena finanzjarja li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2013, il-Kunsill kien baqagħlu bilanċ ta' €50,647. Dawn il-*Financial Statements* ġew approvati mill-Kunsill.

**5.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

5.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 28/14(28_02_14).

**6.00 Karnival fil-Munxar 2014.**

6.01 Din is-sena l-Karnival ser isir is-Sibt, l-1 ta' Marzu 2014, fis-1 ta' waranofsinhar. Din is-serata se tiġi ppreżentata minn Alvin Scicluna. Ser ikun hemm karru trijonfali, danez mit-tfal tal-iskejjel, danez minn gruppi kbar, maskeruni u danza *hilarious*.

**7.00 Estimi Finanzjarji 2014.**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2014. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2014 għall-Kunsill tal-Munxar ser tkun €209,292 li minnhom hemm €88,634 li huma allokazzjoni għax-Xlendi. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €1,500 li minnhom hemm €600 mix-Xlendi. Dħul mix-Xlendi ser ikun hemm ukoll €2,200 mill-kera tal-*kiosk*. Emoljumenti personali għas-sena sħiħa ser ikunu €70,978 li minnhom hemm €31,099 għax-Xlendi. Qed isir estimu ta' €136,835 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni fejn €59,233 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi.

**8.00 Sejħiet għall-offerti: MXR/001/2013 sa MXR/008/2013.**

8.01 Offerta Nru.: MXR/001/2013 - Knis ta' Toroq fix-Xlendi
Il-Kunsill reġa' beda jiddiskuti din l-offerta u qabel unanimament li l-offerta tingħata lil Saviour Xiberras peress li kienet l-orħos offerta.

8.02 Sejħa Nru.: MXR/002/2013 - *Construction of Several Pavements with Low Life Cycle Environment Impacts*
Il-Kunsill kien għażel il-Kuntrattur Paul Sultana iżda meta ġie infurmat sabiex jagħmel il-garanzija u jiffirma l-Kuntratt informa lill-Kunsill permezz ta' *e-mail* li ma huwiex ser jaħdem dik l-offerta. Il-Kunsill eżamina t-tieni offerta li hija ta' John Gauci. Il-Kunsill qabel unanimament li l-offerta tingħata lil John Gauci.

8.03 Offerta Nru.: MXR/003/2013 - Servizz ta' Perit għal Proġetti tal-Kunsill
Il-perit li kellu l-orħos offerta ġie mitlub sabiex jattendi għal-laqgħa iżda ma setax jattendi. Għalhekk din l-offerta ser tiġi diskussa darba oħra.

8.04 Offerta Nru.: MXR/004/2013 - *Hiring of Environmentally Friendly Plant and Machinery*
Il-Kunsill reġa' beda jiddiskuti din l-offerta u qabel unanimament li l-offerta tingħata lil William Xuereb peress li kienet l-orħos offerta.

8.05 Offerta Nru.: MXR/007/2013 - *Patching/Resurfacing Works*
Il-Kunsill reġa' beda jiddiskuti din l-offerta. Peress li kien hemm offerta waħda biss il-Kunsill ser jinnegozja prezz tal-Kuntrattur.

8.06 Offerta Nru.: MXR/008/2013 - Servizz ta' *Handyman*
Is-Segretarju Eżekuttiv iċċekkja mad-Dipartiment tal-Kuntratti jekk din l-offerta tistax tingħata lil aktar minn Kuntrattur wieħed u ngħata l-informazzjoni li ma tistax.
Issa peress li dawk li tefgħu l-offerta għandhom snajja' differenti, il-Kunsill iddeċieda li din l-offerta ma tingħatax.

**9.00 Il-Laqgħa tal-Lokalità 2014.**

9.01 Skont l-artiklu 70 tal-Att dwar il-Kunsilli Lokali (Att Nru. XV tal-1993), se jsiru żewġ laqgħat pubbliċi annwali nhar it-Tnejn, l-10 ta' Marzu 2014.

- Il-laqgħa għall-persuni mill-Munxar li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se ssir fil-5.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar.

- Il-laqgħa għall-persuni mir-raħal żgħir tax-Xlendi li isimhom jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se ssir fis-6.00pm fil-Lukanda St. Patrick's, Ix-Xlendi.

Il-persuni kollha li jidhru fir-Reġistru Elettorali Lokali huma mħeġġa li jattendu għal din il-laqgħa u jipparteċipaw fid-diskussjoni. Waqt il-laqgħa jingħata rendikont tar-rapport tax-xogħlijiet li saru mill-Kunsill matul l-2013. Il-membri tal-pubbliku li jattendu l-laqgħa jistgħu jressqu s-suġġerimenti tagħhom.

**10.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

10.01 Ix-xogħlijiet ta' kisi ta' toroq bit-tarmak ta' Triq il-Kavallieri, Triq ir-Rumani u Triq Ta' Rinota kien beda iżda issa waqaf għax irid isir xogħol fil-*main* tad-drenaġġ. Fi Triq Ta' Rinota jrid isir *connection* tad-drenaġġ għaż-żewġ toroq il-ġodda u fi Triq il-Kavallieri nstab li l-*main* ma kienx qed jiffunzjona u għalhekk irid jinbidel kollu u jsir mill-ġdid. Dan ix-xogħol qed jistenna l-approvazzjoni tal-Ministeru.

10.02 Il-passaġġ tal-kosta ġie mkejjel iżda l-Kuntrattur għadu jrid jipprovdi l-garanzija bankarja, *insurance policies* u jiġi ffirmat il-kuntratt.

10.03 Ix-xogħlijiet fi Triq il-Kantra għaddejjin b'ritmu mgħaġġel u diġà tlesta aktar min-nofs tal-proġett.

10.04 Fil-proġett tal-Pjazza tal-Knisja beda l-pavimentar taz-Zuntier bil-madum. Ir-rampa tad-*disabled* se tiġi fuq barra.

10.05 Il-Kuntrattur tal-Bankini beda l-bankina ta’ Triq il-Munxar.

**11.00 Rapport tas-Sindku.**

11.01 Is-Sindku attenda għal-laqgħa, flimkien ma’ sindki Għawdxin, mad-Deputat Kummissarju Ray Zammit. F’din il-laqgħa s-sindki ġew infurmati li l-Pulizija qed joffru moniteraġġ ta’ CCTV tal-Kunsilli mingħajr ħlas.

11.02 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-Kunsill irid iħallas €300 għal kull applikazzjoni tar-*records*. Il-Kunsill ser japplika għal żewġ *records* u għaldaqstant is-somma ta’ €600 trid titnaqqas mill-*budget* ta’ €3,000 li kien maħsub għal dan il-għan.

11.03 Fil-laqgħa tar-Reġjun Għawdex ġew approvati l-*Financial Statements*.

**12.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

12.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fuq suġġeriment tal-Bord ta’ Gvernanza, se titqassam il-liġi tal-Kunsilli Lokali flimkien mal-Kodiċi ta’ Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali lil kull Kunsillier. Għaldaqstant huwa qassam kopji lil kull membru.

Il-ħin kien l-3.45 ta’ waranofsinhar u s-Sur Robert Mallia daħal fil-laqgħa.

**13.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

13.01 Is-Sur Ryan Debrincat informa lill-Kunsill li ġie avviċinat minn persuna li għandha proprjetà fi Triq Ta’ Rinota, peress li din ġiet il-Kunsill u talbet sabiex il-Kunsill jagħmlilha l-*connection* tad-drenaġġ biex it-triq ma titqattax għal meta ikun bena l-post. Peress li s-Segretarju Eżekuttiv informah li l-Kunsill ma jagħmilx *connection* tad-drenaġġ privati, huwa staqsa kif il-Kunsill qed itella’ fergħa tal-*main* tad-drenaġġ għal żewġ toroq li ser jinfetħu ġodda. Is-Sindku wieġbu li x-xogħol fil-*main* qed isir mit-Taqsima tad-Drenaġġ.

Is-Sur Ryan Debrincat talab lill-Kunsill sabiex jgħid lill-Kuntrattur ineħħi terrapien minn Triq Ta’ Rinota għax qed jimblokka t-triq.

13.02 Is-Sur Robert Mallia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-*bus shelter* li l-Kunsill talab biex issir quddiem l-entratura prinċipali ta’ Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina.

Il-ħin kien l-4.00 ta’ waranofsinhar u s-Sur Ryan Debrincat talab ikun skużat u ħareġ mil-laqgħa.

Is-Sur Robert Mallia staqsa wkoll dwar il-kundizzjoni ta’ Triq Żgħawri peress li hemm xi ħitan tas-sejjieħ imwaqqgħin u l-wiċċ tat-triq huwa ħażin.

Is-Sur Robert Mallia rrefera għall-iskeda tal-ħlasijiet u staqsa dwar il-proġett tar-*records*. Ġie spjegat li l-ħlasijiet jirreferu għall-materjal li nxtara sabiex jinbnew l-irdieden tal-logħob tan-nar fejn se jiġi applikat għaż-żewġ *records*.

13.03 Is-Sinjura Carmen Said ġibdet l-attenzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' Triq il-Kavallieri minħabba li din it-triq inqalgħet u x-xogħol ilu wieqaf diversi jiem u ġimgħat. Dan ix-xogħol huwa wieqaf minħabba li jrid isir *main* tad-drenaġġ ġdid.

Is-Sinjura Carmen Said infurmat lill-Kunsill li reġgħet irċeviet ilmenti dwar l-iskips *on wheels* li tpoġġew fil-*Parking* tax-Xlendi minn sidien ta' stabbilimenti kummerċjali. Għalkemm il-Ministeru għal Għawdex kien ipprepara post fejn jitpoġġew l-iskips, dawn ma għadhomx jitpoġġew hemm. Il-Kunsill kien se jikkuntatja lill-KIP Għawdex Ltd. sabiex ineħħu dawn l-iskips.

Is-Sinjura Carmen Said ilmentat ukoll dwar il-*bring in sites* tax-Xlendi peress li ma humiex jitbattlu regolarment u qed jinġabar ħafna żibel madwarhom. Ġie deċiż li ssir laqgħa ma' Green MT u jekk is-sitwazzjoni ma titranġax, il-Kunsill jibdel il-Kuntrattur.

Is-Sinjura Carmen Said fakkret lill-Kunsill dwar il-laqgħa li kellha ssir mal-iskultur Joseph Farrugia dwar il-monument tal-Profs. Ġużè Aquilina. Hija ġiet inkarigata mill-Kunsill sabiex torganizza appuntament miegħu.

**14.00 Materji oħra.**

14.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fl-4.30 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 12 ta' Marzu 2014, fis-7.30 ta' filgħaxija.

**Joseph Sultana**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***